**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru, 2018**

**Talba Nru: 261/2018 PM1**

**Godwin Gatt**
**(465166(M))**

**Vs**

**Target Group Malta Ltd (C69676)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hdax (11) ta' Gunju, 2018 illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-attur is-somma ta' elf, tlett mija u erba' u erbghin euro (€1,344) rapprezentanti prezz ghall-bejgh ta' merkanzija ordnata u kkonsenjata mis-socjeta` konvenuta kif indikat fl-invoice annessa mal-istess avviz bhala Dok. 'GG1' u liema somma s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li gie debitament interpellata, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-invoice sal-effettiv pagament.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata naqset milli tipprezenta r-risposta taghha ghat-talba odjerna u lanqas ma deher hadd ghaliha fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018.

Ra l-invoice annessa mal-avviz u mmarkata Dok. GG1.

Ra n-nota tal-attur u d-dokumenti annessi mal-istess, inkluz l-affidavit tal-istess attur (immarkati Dok. GG2 sa Dok. GG7).

Ra l-kapitlu prezentat mill-avukat difensur tal-attur waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Perdipiu` s-somma mitluba tinsab gustifikata mill-provi prodotti mill-attur. Tenut kont tal-fatt li d-debitu huwa wiehed kummercjali u rapprezentanti prezz ta' merkanzija mixtrija ghar-rivendita hija gustifikata t-talba li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-hrug tal-invoice relattiva.

Ghaldaqstant, peress illi t-talbiet tal-attur jirrizultaw sodisfacentement ippruvati, it-Tribunal jilqa' l-istess talbiet u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf, tlett mija u erba' u erbghin euro (€1,344) rapprezentanti prezz ghall-bejgh ta' merkanzija ordnata u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-invoice kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**